MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 78

**9 ta' April 2018**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg – Viċi Sindku
Michael Fenech Adami – Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Anthony Buttigieg – Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja – Kunsillier
Herbert Conti – Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
John Borg - Kunsillier
Antoine Attard – Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Mark George Abdilla – Kunsillier

**ASSENTI**
Dr.Francesca Zarb - *Chairperson* Kumitat Amministrattiv *Fleur De Lys*
Matthew Mangion – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv Swatar

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Anthony

Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur Herbert Conti, is-Sur John Mizzi, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur Antoine Attard u s-Sur Owen Patrick Attard.

Għal din il-laqgħa kien hawn preżenti rappreżentant minn MFA Leap, is-Sur Peter Busuttil.

**78.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

78.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta u nofs ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

78.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kellu talba waħda għal apoloġija, mingħand il-kunsillier is-Sur Mark George Abdilla li jinsab indispost. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġija b'mod unanimu.

**78.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

78.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru 77 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

78.2.2 Fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg, il-minuti tal-laqgħa numru 77 ġew approvati bħala dokumenti korretti nem. con.

**78.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

78.3.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi n-nies ma qablux mat-*traffic management* ippjanat fl-inħawi ta' Tommaso Dingli u għamlu petizzjoni. Għaldaqstant hi se tagħti l-ordni biex meta jinqalgħu l-madum, dawn isir flokhom konkos griż, sakemm ma' l-gvern jidħol biex jagħmilha hu.

78.3.2 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami lmenta illi l-kuntrattur li qed jaħdem fl-istazzjon għaddha bir-romblu minn fuq il-madum ta' Tommaso Dingli. Is-Segretarju se jilmenta mal-kuntrattur.

78.3.3 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li qed nitolbu xi entitajiet u ministeri biex jgħinuna finanzjarjament fuq il-kotba kulturali li se noħorġu. Hija qalet illi l-ministeru ta' l-ekonomija u ntrapriżi żgħar ikkonferma sponsor ta' 1500euro.

**78.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

78.4.1 Il-Kunsilliera s-Sinjura Marie Claire Zammit qalet illi fuq Triq Għar il-Ġobon kien hemm ħafna problemi speċjalment minħabba illi ngħalqet anke l-erbgħa u l-ġimgħa. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi wara li tlabna lil TM, din reġgħet infetħet kull meta jkun hemm il-monti.

78.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Antoine Attard qal li għadu nkwetat fuq *Fleur De Lys Gate* li jista' jerġa' jidħol xi ħadd fiha. Wara diskussjoni ġie deċiż illi jinxtraw *cat eyes* biex jitpoġġew mar-*roundabout* ħalli nnaqqsu ċ-ċans li xi ħadd jerġa' jidħol fiha.

78.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li l-bankina li saret fi triq Rigu ma ġietx finalizzata sew. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li x-xogħol sar mill-ħaddiema

tagħna imma pass pass mal-perita u ma' persuna tas-sengħa li qabbadna apposta, jiġifieri mhux suppost. Pero' se tinżel tiċċekkja. Rigward il-ħaddiema tal-*Community Work Scheme* hija qalet li anke jekk xi drabi infaqna l-flus u ħallasnihom *overtime*, dawn qed jiffrankawlna flejjes kbar ħafna u qed jagħmlu xogħol tajjeb. Hi semmiet każ fejn il-kuntrattur li jagħmel is-sinjali u tabelli talabha ammont kbir għal ftit xogħol. Mingħajr dawn il-ħaddiema ma jkunx jista' jsir ħafna xogħol fuq barra.

78.4.4 Il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borġ talbet lill-kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami, President tar-Reġjun taċ-Ċentru, biex jagħti rendikont tal-proġetti li se jagħmel ir-reġjun. Is-Sur Fenech Adami semma li wieħed mill-proġetti se jkun ktieb dwar il-lokalitajiet li jiffurmaw ir-reġjun li se jiswa madwar 50,000euro, u l-kunsilli jingħataw mija kull wieħed. Imbagħad se tiġi organizzata *sports day* bejn l-iskejjel kollha tar-reġjun u attivitajiet sportivi oħra. Se jkun hemm ukoll infiq relatat ma' konsulenza dwar proġetti ta' l-Unjoni Ewropea, liema konsulenza se tkun offruta lill-kunsilli. Il-flus li jifdal se jmorru għal *co-financing*.

78.4.5 Il-Kunsillier is-Sur John Mizzi qal biex fil-laqgħa li jmiss nistiednu l-prepostu l-ġdid. Kien hemm qbil.

78.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi billi reġgħet waqgħet siġra fi triq il-Wied hemm bżonn isir xi ħaġa jew jinqatgħu, għax kollha mejtin. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi l-Kunsill ikkummissjona studju fuq is-siġar kollha fejn dan l-espert se jgħidilna liema huma s-siġar li għandhom jinqatgħu, liema għandhom jinżabru eċċ.

**78.5 Rapporti Bordijiet ta' Evalwazzjoni**

78.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq żewġ rapporti ta' evalwazzjoni.

78.5.2 It-tender BLC3-2018 għal servizzi legali ġie suġġeriet illi jingħata lill-kumpanija *Cosyra Legal* għall-prezz ta' 1999euro fis-sena, filwaqt li tender BLC4-2018 għal servizzi ta' kirja ta' vetturi għall-kunsill ġie suġġerit li jingħata lil Davico għall-ammont ta' 13,231.25euro fis-sena. Ma kienx hemm oġġezzjonijet u r-rakkomandazzjonijiet tal-bord ta' l-evalwazzjoni ntlaqgħu b'mod unanimu.

**78.6 Ġnien Stazzjon – Kawża Legali**

78.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kawża tal-kjosk ta' l-istazzjon waslet biex tinqata' u l-avvukat talab xi xhieda oħra. Għaldaqstant tlabnih jiġi u jispjega fhiex waslet il-kawża. Sfortunatament, l-avvukat ma setax jiġi. Fl-assenza tal-avvukat, saret diskussjoni dwar il-kawża, u ġie deċiż illi issir laqgħa ma' l-avvukat.

**78.7 *Leap Integration through sports***

78.7.1 Is-Sur Peter Busuttil qal illi bħala *Malta Football Association*, applikaw għal proġett ta' l-Unjoni Ewropea u ġabu l-flus biex permezz ta' l-isport issir inklużjoni. Huma kienu qed jaħdmu mill-qrib mal-LEAP, APPOĠĠ u mal-kunsilli biex jiġu individwalizzati nies fil-periferiji tas-soċjeta. Huma semma per eżempju kif nies vulnerabbli jingħataw *tickets* b'xejn għall-grawnd, biex jitħajru jersqu lejn l-isport. Semma wkoll kif se jibda jsir taħriġ mhux fuq football biss imma temi bħal *first aid*, *coaching*, *referees*, *conflict resolution*, lingwistika, u nutrizzjoni. Semma wkoll kif nies li ma jifilħux iħallsu għall-*football nursery* tat-tfal, se jitħallsilhom ukoll. Żvolġiet diskussjoni fejn l-aktar li

tkellimna kien x'hemm bżonn min-naħa tal-Kunsill. Pero' hemm diffikultajiet bħal *data protection*, li ċerti nies ma jammettux li għandhom bżonn l-għajnuna eċċ…. Jekk ikun hemm ħafna nies minn Birkirkara, l-MFA tkun tista' tikri mingħand il-Kunsill xi spazju bħal sala eċċ.

**78.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti 57, u Petty Cash**

78.8.1 L-iskeda tal-*Petty Cash* kienet approvata fuq proposta tal-Viċi Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Viċi Sindku is-Sinjura Rita Borg.

78.8.2 L-iskeda ta' pagamenti numru 57 kienet approvata nem. con. Dan fuq proposta tal-Viċi Sindku Rita Borg ssekondata mill-kunsillier is-Sur Anthony Butigieg.

**78.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30pm u ġiet aġġornata għat-tnejn 7 ta' Mejju fis-6pm.

Konfermati, illum 7 ta' Mejju 2018.

Joanne Debono Grech<br>Sindku

Neil Spiteri<br>Segretarju Eżekuttiv